**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 26/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**

**vs**

**Jeremy Mangion**
**(ID 360595 (M))**

**Illum: 9 ta' Diċembru 2020**

Il-Qorti,

Rat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, l-imputat **Jeremy Mangion** jinsab akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-15 ta' Awissu 2016 u [b'korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2017] fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Produċa, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

4) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

5) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat ukoll id-digriet tagħha tal-istess jum, li permezz tiegħu, fuq talba tad-difiża, ħatret bħala espert, lill-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland, sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *cannabis* fiż-żmien tal-każ odjern u ċioe` fil-15 ta' Awwissu 2016 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data;

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Roberta Holland u rat ir-relazzjoni ppreżentata minnha fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020;

Rat ukoll l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti u għad-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talba tad-difiża ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Ara a fol. 151 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-każ, kif ingħad, l-imputat qed jiġi akkużat bir-reati ta' traffikar u pussess aggravat tal-pjanta u tar-raża tal-*cannabis*, kif ukoll bir-reat ta' pussess tad-droga kokaina, riferibbilment għall-jum tal-15 ta' Awwissu 2016 u x-xhur ta' qabel din id-data, u dan wara li skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat allegatament instab fil-pussess ta' ammonti ta' raża u tal-pjanta tal-*cannabis*, kif ukoll kokaina, fost diversi oġġetti oħrajn relatati mad-droga.

Illi f'dan l-istadju, meqjusa t-talba tad-difiża mressqa ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mansjoni ta' din il-Qorti hija dik li tevalwa l-eżistenza tar-rekwiżiti elenkati fit-tieni sub-inċiż tal-artikolu appena msemmi, u b'hekk jekk jimmeritax li l-imputat jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-istess artikolu. Fi kliem ieħor, il-Qorti f'dan l-istadju preliminari u indipendenti mill-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw il-mertu, jeħtieġ li tqis jekk jirriżultax li għandhiex mis-sewwa r-raġuni fuq liema d-difiża qegħda ssejjes it-talba tagħha.

Kif ġie rassodat diversi drabi, sabiex talba bħal dik in diżamina tirnexxi, jeħtieġ illi d-difiża turi li jissussistu r-rekwiżiti tassattivi u kumulattivi elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537, fosthom illi l-imputat kien tassew dipendenti fuq sustanzi illeċiti fiż-żmien li għalih jirreferu l-akkużi odjerni. Pruvata l-allegata dipendenza, ikun jeħtieġ illi d-difiża ulterjorment turi illi r-reati li bihom l-imputat jinsab mixli, ikunu sostanzjalment twettqu kawża tad-dipendenza tal-istess imputat fuq id-droga.

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tosserva illi minkejja li hija laqgħet it-talba tad-difiża sabiex tiġi awtorizzata tressaq provi in sostenn ta' din it-talba tagħha, bil-għan li din l-istess Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, l-unika prova li ressqet id-difiża kienet tramite l-ħatra tal-espert Dr. Roberta Holland u r-relazzjoni preżentata minnha. Fil-fatt id-difiża tistrieħ interament u unikament fuq ir-rapport tal-istess espert.

Mir-relazzjoni tal-espert nominata minn din il-Qorti ossia l-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland[2], jirriżulta illi wara li hija assessjat lill-imputat bil-mod spjegat minnha fl-istess relazzjoni tagħha, hija tikkonkludi hekk:

> "**8. Sintesi u Progress**
>
> Mill-istorja tal-imputat jidher li għalkemm kellu trobbija tajba u kien mgħallem valuri tajbin fil-ħajja, huwa kien beda jagħmel użu mill-kannabis meta kien beda jikber xi ftit u beda jagħmilha ma' persuni li

[2] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 163 *et seq* tal-proċess.

jużaw il-kannabis. Għalkemm beda biex ikompli ma' sħabu, fi ftit xhur il-vizzju kien kiber sakemm sar wieħed fejn l-imputat kien ipejjep il-kannabis fuq bażi regolari u ta' kuljum. Fil-ħinijiet li kien ikun waħdu, tali konsum kien kważi kontinwu. Dan baqa' sejjer saż-żmien tal-każ u anke xi xhur wara meta bix-xokk tal-każ, u l-impatt li dan kellu fuqu u fuq tal-familja, kien irrealizza li kellu bilfors jieqaf.

Jidher li kellu motivazzjoni biżżejjed sabiex jieqaf u kien sensibbli biżżejjed li jirrealizza li din kienet l-unika għażla li kellu. Wara perjodu jbati minn sintomi tan-nuqqas ta' użu, l-imputat irnexxielu jieqaf u jibqa' astinenti sal-llum il-ġurnata ħlief għal xi okkażjoni rari u sporadika fejn ma rnexxielux jirreżisti. Sabiex jieqaf, huwa wettaq tibdiliet notevoli f'ħajtu bħala qata' l-ħbieb li kellu, waqaf jiffrekwenta postijiet li kien ikun fihom qabel, u aljena ruħu billi infexx fix-xogħol. Kien hemm ukoll bidliet li seħħew b'mod naturali bħal fatt li beda r-relazzjoni mat-tfajla, u kiber fl-eta`, u anke is-sapport kontinwu tal-ġenituri li kollha għenuh biex jieqaf u jibqa' fit-triq it-tajba. Jidher li l-istil ta' ħajja li adotta huwa wieħed sodisfaċenti. Mit-testijiet li issottometta ruħu għalihom fi Frar u Lulju ta' din is-sena, jidher li l-imputat baqa' astinenti.

## 9. Konklużjoni u Rakkommandazzjoni

Mill analiżi kollha li saret, u meta wieħed jikkunsidra l-informazzjoni miġbura mill-intervista klinika u mill-assessjar strutturat, wieħed jikkonkludi li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga kannabis fiż-żmien tal 15 ta' Awwissu tal-2016.

L-intervista uriet li kien hemm disinn regolari mill-użu tal-kannabis li beda meta l-imputat kellu madwar sbatax-il sena, u kompja jiżdied fejn sakemm kellu dsatax-il sena, u fetaħ il-każ odjern, l-użu kien sar wieħed ta' kuljum. Dan kien osservat anke mir-rutina ta' kuljum li spjega li kellu l-imputat u mir-rakkont suġġettiv tal-esperjenzi personali tiegħu, apparti dawk tipiċi. L-imputat stqarr li ġieli għamel użu mill-kokaina iżda jidher li dan kien biss f'okkażjonijiet sporadiċi.

Meta l-istorja tiegħu kienet evalwata permezz ta' għodda strutturata, u ċioe` permezz tal-Structured Clinical Interview for DSM-5 Disorders, u konsegwentement permezz tal-kriterji tad-DSM-5, id-diżordni fl-użu dehret li kienet ta' livell sever fiż-żmien tal-każ. Il-klassifikazzjoni finali hija ta' ***Severe Cannabis Use Disorder*** **[304.30]**. Huwa fil-fatt b'kollox immarka tmin kriterji minn ħdax bħala sintomi indikati sabiex issir djanjosi ta' diżordni fl-użu tal-kannabis. Jidher li l-oqsma li dehru s-sintomi kienu f'dawk ta' nuqqas ta' kontroll fl-użu, diffikultajiet fil-qasam soċjali, użu riskjuż, u diffikultajiet farmakoloġiċi. B'dan il-livell ta' diżordni fl-użu, wieħed jista' b'kunfidenza jikkonkludi li d-dipendenza kienet preżenti u kienet ukoll ta' livell gravi.

> Jidher għalhekk li r-reat odjern kien relatat sew mad-dipendenza u l-użu tad-droga ta' l-imputat. Mill-assessjar, ħareġ ukoll b'mod ċar li hemm raġunijiet oġġettivi li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu f'dan il-qasam, li għamel progress konsiderevoli, u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu.
>
> Jidher, li llum il-ġurnata l-imputat irnexxilu jżomm il-bogħod mill-użu tal-kannabis u għandu livell sodisfaċenti ta' stabbilta`. Ma jidhirx li hemm lok għal preokkupazzjoni f'aspetti prinċipali inkluż residenza, stil ta' ħajja, sapport, relazzjonijiet soċjali, saħħa mentali, impjieg, finanzi, aspetti kriminoġeniċi, ħiliet personali u interpersonali, u l-anqas użu ta' droga.
>
> Ta' min jinnota li bħala eta` nnifisha, setgħu kellhom rwol influwenti fl-imġieba tiegħu u speċjalment fil-bidu li beda jabbuża mill-kannabis. Il-quddiem, il-fatturi influwenti sabiex il-vizzju kiber u laħaq livell ta' dipendenza serja jinkludu r-rutina li daħal fiha li ħadet forma ta' vizzju, u n-natura tas-sustanzi illeċiti innifisha li tikkawża dipendenza kemm fiżjoloġika, kif ukoll psikoloġika. Fortunatament, jidher li kellu bażi ta' trobbija tajba, u sistema ta' sapport li finalment seta' jerġa' jirrikorri għaliha. B'hekk, kien iżjed possibbli għalih li jerġa' jsib it-triq mixtieqa."

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-espert Dr. Roberta Holland, il-Qorti m'għandhiex dubju illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-imputat kellu dipendenza severa fuq id-droga *cannabis*.

In kwantu r-rekwiżit li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fis-sens illi r-reati li bihom jinsab mixli l-imputat kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tal-imputat fuq id-droga, fir-relazzjoni tagħha, l-espert tgħid wara li tikkonkludi illi d-dipendenza tal-imputat fuq il-*cannabis* kienet waħda gravi illi "*Jidher għalhekk li r-reat odjern kien relatat sew mad-dipendenza u l-użu tad-droga ta' l-imputat.*" Naturalment, l-espert tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl ta' dak li stqarr magħha l-imputat odjern għal fini tar-relazzjoni tagħha u mhux għaliex l-espert għamlet xi analizi tal-atti proċesswali tant illi lanqas ma kellha aċċess għall-atti, bħal ma jiġri *del resto*, f'kull każ ieħor. Mingħajr ma tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ odjern u jekk allura l-imputat huwiex ħati o meno tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, il-Qorti tirrileva illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu fil-15 ta' Awwissu 2016[3], għalkemm f'punt minnhom, huwa jinnega li għandu problema ta' droga,

[3] Ara a fol. 23 sa 26 tal-proċess.

sussegwentement, mistoqsi "*Kemm ghamilt qliegh mil-bejgh ta Droga*", l-imputat iwieġeb "*Ma nafx kemm biex nuza ghalija*".[4]

Illi tenut kont ta' din it-tweġiba tal-imputat, tal-konklużjonijiet tal-espert Dr. Roberta Holland illi d-dipendenza tal-imputat fuq il-*cannabis* kienet waħda serja, tan-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-istess imputat u taċ-ċirkostanzi allegati mill-Prosekuzzjoni fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi r-rekwiżiti li trid il-liġi fl-Artikolu 8(2)(a) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu u dan fis-sens illi x'aktarx ir-reati li bihom jinsab mixli l-imputat kienu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

In kwantu dak li tirrikjedi l-liġi fil-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 8, huwa evidenti mir-relazzjoni tal-istess espert illi l-imputat mhux talli għamel sforz u progress sostanzjali fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga, iżda jidher ukoll illi rnexxielu jegħleb il-vizzju.  F'dan ir-rigward, l-istess espert tgħid in oltre illi:

> "Wieħed jittama li, la darba jidher li ħa t-tagħlima, u li bata il-konsegwenzi, jibqa' fl-istess triq mingħajr interruzzjonijiet.  F'dan l-istadju ma jidhirx li hemm bżonn ta' intervent jew trattament rigward droga pero` jidher li l-imputat jibbenefika mill-fatt li jkollu persuna ta' fiduċja professjonali li tista' tiggwidah, u tgħinu jkompli fil-livell ta' integrazzjoni personali u soċjali tiegħu.  Ikun ta' benefiċċju li jsiru testijiet tossikoloġiċi għal perjodu ta' żmien…".

Il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-każ odjern, m'hemmx ċirkostanzi li jipprekludu l-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-imsemmi Kap. 537.

**Konklużjoni**

Tenut kont ta' dan kollu, f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kap. 537 jissussistu u għaldaqstant qed tilqa' t-talba tal-imputat **Jeremy Mangion** u qed tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement qegħda tirreferi lill-istess imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[4] A fol. 25 tal-proċess.